Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,573, 20 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 9 tal-2026

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)

Ordni tal-2026 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Reviżjoni tas-salarji tal-Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati. Kap. 175.

2. Għandhom jitħallsu lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna tal-Iskeda, minflok is-salarji stabbiliti fl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati għal kull kariga fit-tieni kolonna tal-imsemmija Skeda.

SKEDA
(artikolu 2)

	2026
	Paga Bażika
Prim Imħallef.....	€85,105
Imħallfin oħra.....	€75,764
Maġistrati.....	€66,942